Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9195 — Lifeco/Hammerson/Swords Pavilions)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 76/07)

1. Fit-22 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Irish Life (l-Irlanda) u Clyde Property Fund (l-Irlanda), it-tnejn ikkontrollati minn Great-West Lifeco (il-Kanada),

— Hammerson (ir-Renju Unit),

— Swords Pavilions (l-Irlanda), li bħalissa hija kkontrollata minn Hammerson.

Great-West Lifeco u Hammerson jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Swords Pavilions.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Irish Life u Clyde Property Fund: sussidjarji ta' Great-West Lifeco attivi f'servizzi ta' proprjetà immobbli lill-konsumaturi fl-Irlanda. Great-West Lifeco hija kumpanija azzjonarja internazzjonali tas-servizzi finanzjarji,

— Hammerson: l-iżvilupp tal-proprjetà immobbli kummerċjali u l-kiri u t-tħaddim tal-proprjetà immobbli kummerċjali tagħha stess, primarjament fir-Renju Unit, l-Irlanda u Franza,

— Swords Pavilions: ċentru kummerċjali li jinsab qrib l-ajruport fis-subborgi tat-tramuntana ta' Dublin.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9195 — Lifeco/Hammerson/Swords Pavilions

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").